# APPELLI ĊIVILI
# L-EWWEL PARTI
# L-EWWEL SEZZJONI

**10 ta' Jannar, 1995**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Joseph D. Cammileri B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

*Albert Rizzo*

*versus*

Agnes Bezzina *et*

**Ritrattazzjoni - Sospensjoni ta' l-Eżekuzzjoni tas-sentenza ritrattata - Garanzija - Żgumbrament**

*Il-garanzija biex tagħmel tajjeb għad-drittijiet tal-kreditur li ċ-ċitazzjoni titlob li jiġu sospiżi mhix komponenti* sine qua non *ta' l-azzjoni stabbilita mill-artikolu 823 tal-Kap. 12.*

*Meta s-sospensjoni tkun ta' żgumbrament, sakemm ma jirrikorrux raġunijiet speċjali, jidher li* prima facie *il-preġudizzju ta' min se jkun sejjer jiġi żgumbrat huwa aktar minn dak ta' min se jirriprendi l-pussess tal-fond.*

Il-Qorti:-

Din il-Qorti fis-17 ta' Ġunju, 1994 ikkonfermat sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera tat-18 ta' Lulju, 1991, li kienet awtorizzat lill-konvenuti biex jirriprendu l-pussesss tal-fond 112, Triq Ħal Tarxien, Paola, li kien detenut mill-attur. Dan ta' l-aħħar ippropona ritrattazzjoni u qiegħed bil-preżenti azzjoni ġudizzjarja jitlob lill-Qorti biex tissospendi l-esekuzzjoni ta' l-imsemmija sentenza tas-17 ta' Ġunju, 1994;

Din l-azzjoni hija mogħtija mil-liġi fl-artikolu 823 Kap. 12:

"(2) .... Il-qorti li quddiemha tintalab ritrattazzjoni *tista'*, *ad istanza*, b'ċitazzjoni, tal-parti li tagħmel dik it-talba, tordna t-twaqqif *ta'* esekuzzjoni tas-sentenza jekk:

(a) flimkien mat-talba tagħha dik il-parti tagħti garanzija tajba għall-esekuzzjoni tas-sentenza, jekk ma tiġix imħassra, magħduda dik il-garanzija kif imsemmija fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 266; u

(b) jiġi muri għas-sodisfazzjon tal-Qorti illi l-esekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaġuna preġudizzju akbar lil dik il-parti milli t-twaqqif ta' l-esekuzzjoni tkun tikkaġuna lill-parti kuntrarja.

(3) Il-garanzija msemmija fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, **meta tingħata**, għandha fil-każijiet kollha taħdem bħala twaqqif ta' esekuzzjoni ta' sentenza li tordna l-arrest jew priġunerija tad-debitur";

Il-konvenuti eċċepew illi (a) iċ-ċitazzjoni hija nulla għaliex

ma ngħatatx kontemporanjament il-garanzija li titlob il-liġi; (b) it-talba għas-sospensjoni tal-Mandat ta' Żgumbrament qed issir lill-Bord li Jirregola l-Kera, u mhux lil din il-Qorti, u din ukoll iġġib in-nullita' taċ-ċitazzjoni; (ċ) illi l-preġudizzju tagħhom jekk tingħata s-sospensjoni jkun aktar minn dak ta' l-attur; (d) illi m'hemmx raġunijiet għas-sospensjoni billi r-ritrattazzjoni saret biex jittawwal iż-żmien;

Is-subinċiż (3) ta' l-artikolu 823 Kap. 12 hawn ikkwotat juri illi l-garanzija biex tagħmel tajjeb għad-drittijiet tal-kreditur li ċ-ċitazzjoni titlob li jiġu sospiżi, m'hijiex komponenti *sine qua non* ta' l-azzjoni stabbilita minn dan l-artikolu għaliex kieku kienet, is-subinċiż ma kienx juża l-frażi "**meta tingħata**", li naturalment tindika li "**mhux dejjem tingħata**". Difatti s-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni ta' sentenza li timplika arrest jew priġunerija tad-debitur għandha dejjem tingħata mill-qorti jekk iċ-ċitazzjoni tkun akkumpanjata mill-garanzija. Del resto, din hija l-prattika ta' din il-Qorti u tista' ssir riferenza għal żewġ sentenzi pjuttost riċenti - **Saver Bezzina *et vs* George Grech** tal-15 ta' Marzu, 1993 u **Giuseppi Bugeja *et vs* Isidoro Agius** tas-17 ta' Marzu, 1993;

Għalhekk l-eċċezzjoni ta' nullita' minħabba n-nuqqas ta' garanzija kontestwali, maċ-ċitazzjoni, mhix attendibbli;

Għal dak li jirrigwarda t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti, skond l-artikolu 265 Kap. 12, għalkemm huwa l-Bord li Jirregola l-Kera li ħareġ il-mandat ta' żgumbrament dan l-att esekuttiv jemana mis-sentenza ta' din il-Qorti, u hija din il-kawża in appell, li l-attur qed jitlob li tiġi ritrattata;

Għal dak li huwa l-preġudizzju relattiv tal-partijiet, din il-Qorti,

kif intqal fiż-żewġ sentenzi riferiti, meta s-sospensjoni tkun ta' żgumbrament, sakemm ma jirrikorrux raġunijiet speċjali, jidher li *prima facie* il-preġudizzju ta' min se jkun sejjer jiġi żgumbrat huwa aktar minn dak ta' min se jirriprendi l-pussess tal-fond, u dan jidher ċar meta jiġi kkonsidrat x'jinvolvi r-ripristinu ta' pussess jekk l-eżitu tar-ritrattazzjoni jkun favorevoli għad-debitur;

Wara s-seduta tas-17 ta' Ottubru, 1994 l-attur iddepożita s-somma ta' ħames mitt lira (Lm500) biex jagħmel tajjeb għal kull preġudizzju li jsorfu l-konvenuti bis-sospensjoni li l-attur qiegħed jitlob u għaldaqstant din il-Qorti hija sodisfatta li tista' tordna s-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza tagħha tas-17 ta' Ġunju, 1994 fl-ismijiet inversi għall-preżenti u dan sakemm tiġi deċiża l-kawża ta' ritrattazzjoni proposta mill-attur;

Spejjeż ta' din il-proċedura - billi l-attur ma għamilx il-garanzija kontestwalment maċ-ċitazzjoni u allura pprovoka t-tul ta' din il-kawża - a karigu ta' l-attur.